MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 5/2012

Joyce Debono

vs

Mark Camilleri

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta’ l-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

1. Li l-partijiet iżżewġu lil xulxin fis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Settembru elf disa’ mija tnejn u disgħin (1992) (Dokument A anness) u minn dan iż-żwieġ kelhom bint unika, Amy, li twieldet fil-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru elf disa’ mija sitta u disgħin (1996)(Dokument B anness);

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar sa mis-sistta (6) ta' Gunju elfejn u ħamsa (2005)(document C anness);

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot, għal rikonċijazzjoni bejniethom peress li minbarra li ilhom snin twal mifruda, illum għadhom ħajja totalment separate minn xulxin;

4. Illi din it-talba għal divorzju ma għandhiex tippreġudika l-kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt ta' separazzoni dwar l-obbligu tal-partijiet għall-manteniment tal-bint minorenni;
5. Illi l-esponenti tixtieq li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

b. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku .

Rat ir-Risposta guramentata tal-konvenut li permezz tagħha ddikjara li ma kellux ebda oġġezzjoni għall-pronunzjament ta' divorzju, stante li jikkonkorru r-rekwiżiti kollha tal-liġi, salv li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Rat id-digiet tagħha tat-3 ta' Mejju 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob li jiġi pronunzjat ix-xoljiment taż-żwieġ ċelebrat bejn il-

kontendenti fis-27 ta’ Settembru 1992.[1] Il-konvenut qabel li dan iż-żwieġ għandu jiġi xolt.

Id-divorzju introdott fil-liġi ta’ pajjiżna bl-Att XIV ta’ l-2011 jista’ jingħata kemm-il darba jiġu sodisfatti r-rekwiżiti elenkati fl-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili. Ħadd mill-kontendenti ma xehed f’din il-kawża, imma mid-dokumenti esebiti jirriżulta li huma sseparaw konsenswalment b’kuntratt tas-6 ta’ Gunju 2005.[2]

Jidher li l-ewwel kundizzjoni meħtieġa taħt is-sub-inċiż (a) ta’ l-artikolu 66B tal-Kap. 16 ġiet sodisfatta, billi fid-data li fiha nbdew dawn il-proċeduri, u ċioe’ fit-13 ta’ Frar 2012, il-partijiet kienu ilhom iżjed minn erba’ (4) snin separati formalment.

It-tieni rekwiżit taħt is-sub-inċiż (b) ta’ l-istess artikolu ġie wkoll sodisfatt, billi wara dawn is-snin ta’ separazzjoni, u nfatti anke l-konvenut jidher li jaqbel dwar dan, żgur li ma baqa’ ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.

It-tielet rekwiżit taħt is-sub-inċiż © ta’ dan l-artikolu jidher li ġie sodisfatt ukoll. Il-partijiet skond il-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq imsemmi, ma kienux tenuti jħallsu xi manteniment lil xulxin.[3] Minn naħa l-oħra ma kien hemm l-ebda allegazzjoni li xi ħadd mill-partijiet qiegħed jonqos mill-obbligu ta’manteniment a favur tal-bint komuni minuri, kif stipulat fl-istess kuntratt ta’ separazzjoni, liema obbligi għandhom jibqgħu mpreġudikati, minkejja x-xoljiment ta’ dan iż-żwieġ .

Għalhekk ma jibqa’ ebda raġuni għaliex din il-Qorti m’għandhiex tilqa’ t-talbiet ta’ l-attriċi a tenur ta’ l-artikolu 66C ta’ l-istess liġi.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u:

---

[1] Ara kopja ufficcjali tac-Certifikat taz-Zwieg, anness mar-Rikors .
[2] Ara kopja tal-kuntratt relattiv in atti Nutar Dr. Paul Pisani annessa mar-Rikors .
[3] Ara kuntratt relattiv a fol. 5 tal-process.

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħhala maħlul iż-żwieġ ċelebrat bejniethom fis-seba' u għoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992);

2. tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex a tenur ta' dak li jipprovdi s-subinċiż (4) ta' l-artikolu 66A tal-Kap. 16, tavża fi żmien ħmistax (15) il-jum, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex b'din id-deċiżjoni tagħha, biex tiġi reġistrata skond il-liġi.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom, fiċ-ċirkostanzi, jiġu ssoportati ugwalment mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------